MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 801/2011

**MOBISLE COMMUNICATIONS LIMITED**

**vs**

**Stephanie TANTI**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fl-14 ta’ Settembru, 2011 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta’ elf u tmenin euro u disgha u tmenin centezmi ta’ euro (€1,080.89) u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf u tmenin euro disgha u tmenin centezmu (€1,080.89) in konnessjoni ma servizz/i ta’ kommunikazzjoni, numri tal-kont A/C50880198, moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-25 ta’ Mejju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta’ Mejju, 2012 u l-fatt li l-konvenuta naqset li jidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf u tmenin euro u disgha u tmenin centezmi ta’ euro (€1,080.89), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------